MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRETA MIFSUD

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2011

Talba Numru. 2571/2002

***Skat Limited***

***Vs***

***Stefan Licari***

**It-Tribunal**,

Ra l-Avviz tas-socjeta' attrici, li talbet lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' disa' mija u erbgha u sebghin Liri Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm974.58) u cioe' ekwivalenti ghal elfejn, mitejn u sebghin Ewro u sittax-il centezmu (€2,270.16) liema somma tirrapprezenta flus tas-socjeta' attrici li l-konvenut indebitament zamm ghandu wara li biegh merkanzija ta' l-istess socjeta' attrici.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta' dina t-talba .

Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa illi l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini ta’ l-Artikolu 1027 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi, fi kwalunkwe kaz, u dana minghajr pregudizzju ghal premess, t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt . Huwa evidenti li s-socjeta’ attrici intentat dina l-azzjoni unikament sabiex tevita li thallas lill-konvenut dak li giet ikkundannata li thallsu mill-Qorti tal-Magistrati Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Adrian Triganza.

Ra x-xhieda ta’ Albert Portelli, li dak iz-zmien kien Assistant Registratur fil-Qrati ta’ Malta, li esebixxa d-*delivery notes* li kien hemm esebiti fil-kaz Il-Pulizija vs Adrian Triganza.

Ra x-xhieda ta’ Adrian Triganza, direttur mas-socjeta’ attrici li jikkonferma li l-konvenut kien jahdem maghhom bhala salesman u peress li kien jahdem part-time filghaxijiet u kien jiehu x-xoghol minghandhom, kellhom ftehim, li ma jhallasx ghal dan ix-xoghol li kien jiehu, izda s-socjeta’ attrici kellha tnaqqashom mill-*commission* li kellu jiehu ghax-xoghol ta’ filghodu.

Bejn Ottubru u Novembru, 1998, il-konvenut kien telaq ix-xoghol tieghu u kien iltaqa’ mal-attur sabiex jahdmu l-*commission* dovuta lejh, izda ma setghux jaqblu fuq il-percentagg ghaliex il-konvenut beda jinsisti li kellu jithallas bit-2%, filwaqt li s-socjeta’ attrici, kienet qed tinsisti li kellu jithallas bil-1%. Kien biss bil-proceduri kriminali tal-DLE li kkonfermaw li l-*commission* kellha tkun bil-1%.
Ighid ukoll li kieku kellu jithallas bil-1% *commission*, kien ghad hemm bilanc lejn is-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ mija u ghoxrin lira Maltin (Lm120) u cioe’ ekwivalenti ghal mitejn u disgha u sebghin Ewro u tnejn u hamsin centezmu (€2,79.52) u kienu ndunaw bihom meta hadmu l-*commission*.

Ra x-xhieda tal-konvenut li kien jahdem mas-socjeta’ attrici bejn il-bidu ta’ Settembru, 1996 u l-10 ta’ April, 1998. Meta telaq kull ma kien hemm pendenti

bejniethom kienet il-kwistjoni dwar dawn il-*commissions*, fejn quddiem id-DLE gie stabbilit li kellu jithallas tmien mija sitta u tlettin Lira Maltin (Lm836) u cioe' ekwivalenti ghal elf, disgha mija u sebgha u erbghin Ewro u sitta u tletin centezmu (€1,947.36) bhala *commission*. Is-socjeta' attrici ddepositathom il-Qorti ghax hasset li kien hemm l-ammont pretiz f'dina l-kawza, dovuta mill-konvenut u dan kien seba' snin wara u zgur mhix mill-ewwel.

Il-konvenut jinsisti li qatt ma kien ha xi affarijiet minghand is-socjeta' attrici u li bieghhom u zamm il-flus taghhom. Anzi jghid li dejjem hallas ghax-xoghol li jkun ha.

A bazi tad-diversi dokumenti murija lill-konvenut, ma setax dejjem jikkonferma l-firma tieghu fuqhom.

Ra x-xhieda ta' Emanuel Camilleri, il-kunjatu tal-konvenut, li jikkonferma l-impjieg tal-konvenut mas-socjeta' attrici. Ikkonferma li kien jaf ukoll lil Adrian Triganza u li l-konvenut u Triganza kienu jiltaqghu fl-ahhar tax-xahar biex jaghmlu l-kontijiet biex ipacu mill-paga tal-konvenut, il-flus tad-detergenti li l-konvenut kien jiehu minghand is-socjeta' attrici matul ix-xahar.

Ra li b'digriet ta' dan it-Tribunal tas-17 ta' Frar, 2005, gie nominat Joseph Gaffiero bhala espert kalligrafu sabiex jigu vverifikati l-firem tal-konvenut, biex jiehu kampjun tal-firem tal-konvenut u jqabbilhom mad-dokumenti esebiti u mal-original li jinsabu fl-atti tal-kaz Il-Pulizija vs Adrian Triganza.

Ra l-ewwel rapport tal-Perit Kalligrafu Joseph Gaffiero, li kkonkluda li l-firem li allegatament kien hemm fuq l-"*order book*" u li kienu tal-konvenut, kienu ffalsifikati. Kien hemm 26 firma u dawn kollha kienu foloz. Il-Perit kalligrafu jissottolinea illi " ***L-aspett generiku (overall) jixxiebah izda l-karatteristici individiwali tal-formazzjoni ta' l-ittri ivarja sew. Dan jikkonvincini li min "iffirma" kellu access ghall-firma ta' Stefan Licari u kien kapaci jaghmilha bl-amment, nghid anke minghajr ma jhares, sforz ir-ripetizzjoni li wiehed jidra, meta jaghmel oggett ghal hafna drabi."***

Peress illi s-socjeta' attrici ma kienitx kuntenta bil-konkluzzjonijiet ta' dan ir-rapport, talbet lil dan it-Tribunal sabiex jerga' jinnomina lill-Perit Kalligrafu Joseph Gaffiero, sabiex jezamina l-firem tal-konvenut u jqabbilha mad-dokumenti esebiti fil-kaz il-Pulizija vs Adrian Triganza deciza fil- fit-30 ta' April, 2002 u fil-fatt b'digriet ta' dan it-Tribunal tat-2 ta' Mejju, 2007, rega' gie nominat il-Perit Gaffiero ghal dan il-fini.

Fit-tieni rapport tieghu, l-Perit jissottolinea illi – " … ninsab cert li hemm hafna mill-firem li huma foloz u jista' jkun hemm ohrajn bhal dawk ta' fuq *receipt books* li huma genwini ghalkemm xi ftit mzersqa sforz l-ghaggla….Il-firem ta' fuq ic-cekkijiet setghu saru wara – imma l-firem ta' fuqhom mhumiex ta' Stefan Licari, imma huma foloz, kif inhuma foloz hafna mill-firem indikati fl-istadju komparattiv ta' kontra l-kampjuni."

Mill-analizi li ghamel il-Perit seta' biss jikkonkludi li l-unika firma li l-konvenut gharaf bhala tieghu hija dik ta' fuq il-formula tal-*Employment and Training Corporation*, li wiehed jaghraf ix-xebh mal-firma tal-kampjuni.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra

Il-Preskrizzjoni

Il-konvenut eccepixxa illi l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 1027 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta Malta, li jikkontempla:-

***"The action for the recovery of that which may have been unduly given, unless prescribed under any of the provisions, contained in the title related to prescription, shall be prescribed by the lapse of two years from the day on which the person to whom the action is competent shall have discovered the mistake."***

Il-konvenut jinsisti li dina l-azzjoni giet istitwita mis-socjeta' attrici, wara li giet ikkundannata thallas il-"commissions' lill-konvenut skond sentenza moghtija fl-ismiijiet Il-Pulizija vs Adrian Triganza deciza fit-30 ta' April, 2002.

Il-konvenut jinsisti li nfethet dina l-kawza wara li nghatat dik s-sentenza u kien hawn li ppretendiet li kien hemm ammont dovut mill-konvenut, li kien ilu li telaq mill-impjieg tieghu mal-istess socjeta' xi seba' snin. Fil-fatt, is-socjeta' attrici ddepositat dan l-ammont il-Qorti, izda ssekwestrathom immedjatament ghaliex fethet dina l-kawza.

Minn dawn il-fatti, dan it-Tribunal jista' jikkonkludi li jekk kemm il-darba, s-socjeta' attrici sstabbiliet li kien hemm flus dovuti mill-konvenut, wara ezitu ta' sentenza kriminali, fl-ismijiet fuq imsemmija, dan seta' kien biss wara t-30 ta' April, 2002 u biex dina l-azzjoni tigi preskritta jridu jghaddu sentejn, izda effettivament dina l-kawza nfethet fit-28 ta' Ottubru, 2002 u ghalhekk ma kienux ghaddew is-sentejn rikjesti mil-ligi u ghaldaqstant, l-eccezzjoni tal-konvenut qed tigi respinta.

Is-socjeta' attrici qiedgha tippretendi l-hlas minghand il-konvenut, ghaliex minkejja li kien impjegat maghha, kien ukoll jiehu xi merkanzija minghandha u jbieghha personalment u l-valur tal-merkanzija li kien jiehu, kien jitnaqqas mill-*commission* li kienet dovuta lilu.

Gie stabbilit ukoll li kien hemm proceduri kriminali kontra Adrian Triganza, direttur tas-socjeta' attrici, fejn gie kkundannat ihallas xi *commissions*, li ma kienux thallsu lill-konvenut.

Kien konsegwenza ta' dan li s-socjeta' attrici talbet li jigu esebiti d-"*delivery notes*" u a bazi taghhom s-socjeta' attrici kkalkolat li kien hemm ammonti li kien zamm il-konvenut u ghalhekk kienu dovuti lejn is-socjeta' attrici.

Minhabba li gew esebiti d-*delivery notes*, il-konvenut ikkontesta l-firem tieghu fuqhom u qal li prattikament, fil-maggoranza, l-firem li kien hemm kienu foloz u peress li

qed jikkontendi li qatt ma ffirma, bl-istess ragunament qatt ma seta' jkun responsabbli ghal hlas ta'l-ammont hemm pretizi.

Per konsegwenza ta' din il-kontestazzjoni, t-Tribunal kien innomina lill-Perit Kalligrafiku  Joseph Gaffiero, li ghandu erbghin sena esperjenza f'dan il-qasam u kemm il-darba gie nominat minn diversi Qrati.

Mill-ezami li ghamel il-Perit, huwa seta' jikkonkludi li kien hemm hafna firem li kienu foloz u min iffirma, kien dara' juza' l-firma tal-konvenut, minfloku. Kien hemm xi firem, li skond il-Perit, uhud kienu jidhru genwini u ohrajn seta' gew iffirmati mill-konvenut, pero' kien difficli biex jikkonferma dan l-ammont. Apparti minn hekk, il-Perit Kalligrafu kien ukoll konvint li l-figuri li jidhru fuq dawn il-*delivery notes*, kienu mbabzin ukoll.

L-iskop tat-tieni rapport kien sabiex il-Perit Kalligrafu seta' jaghmel analizi ta' dokumenti ohra u jaghmel studju Komparativ mal-kampjun tal-firma tal-konvenut.

Ghal darb'ohra, fit-tieni rapport, il-Perit Kalligrafu, wara li ha l-kampjun tal-firma tal-konvenut u ikkomparahom mal-firem fuq xi cekkijiet, ikkonkluda li ma kienux tal-konvenut.

Ikkonferma biss il-firma genwina tal-konvenut, meta ffirma l-applikazzjoni tal-ETC.

Dan it-Tribunal, jissottolinea, li l-Perit Kalligrafu, ilu jaghmel dan ix-xoghol ta' espert fil-kalligrafija u huwa ben intiz f'dan ix-xoghol u r-rakkomandazzjonijiet tieghu ghalhekk, in mankanza ta' provi kontraji, ghandom valur probatorju, specjalment meta wiehed jikkonsidra li t-Tribunal m'ghandux esperjenza f'din il-materja u la darba tqajjmet dina l-kwistjoni kien hemm il-htiega li jkun hemm opinjoni ta' espert fil-materja. Dan it-Tribunal izid ukoll li m'ghandha ebda dubbju li l-Perit Tekniku wettaq xogholu bl-akbar kuxjenza u diligenza.

Dan it-Tribunal ukoll mhuwiex konvint mill-kredibilita' tas-socjeta' attrici u dan minhabba li kien ghadda hafna zmien

qabel ma nfethet dina l-kawza u giet istitiwita ftit wara li Adrian Triganza, diretttur tas-socjeta' attrici, kien gie kkundannat mill-Qorti Kriminali, izda minflok kien iddeposita l-flus il-Qorti u sekwestrahom u fetah dina l-kawza. Fl-assjem, dan it-Tribunal, huwa konvint li is-socjeta' attrici naqset milli tipprova il-kaz taghha anzi hemm provi bizzejjed biex it-tezi taghha tigi skartata specjalment fuq il-bazi tar-rapporti peritali.

Ghalhekk, in konkluzzjoni, ma saritx il-prova li l-konvenut seta' kien debitur fl-ammont pretiz mis-socjeta' attrici u dan minhabba li a bazi ta' probabilita' kwalsiasi *delivery notes*, li kien hemm, jew kienu jirriflettu firma falza tal-konvenut jew ma kienux iffirmati jew kienu jidhru dubbjuzi.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra is-socjeta' attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------